

Brussell, 19 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11307/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0287 (NLE)

FISC 316
ENER 282
ECOFIN 752

PROPOSTA

| | |
|-------------------|--|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Lulju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 535 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lil Spanja tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 535 final.

Mehmuż: COM(2018) 535 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2018
COM(2018) 535 final

2018/0287 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil Spanja tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

•Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fl-Unjoni, it-tassazzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija u fuq l-elettriku tirregolaha d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-qafas tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija" jew "id-Direttiva").

Skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, flimkien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza li kwalunkwe Stat Membru jintroduċi aktar eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jippermetti lil Spanja tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'port (minn hawn 'il quddiem "elettriku mix-xatt"). Dan it-tnaqqis huwa intiż biex jagħti inċentiv ekonomiku għall-istazzjonar u l-użu tal-elettriku mix-xatt sabiex jonqos it-tniġġis tal-arja fl-ibliet portwali u titjieb il-kwalità tal-arja lokali għall-benefiċċju tas-saħħa tal-abitanti.

L-għan tal-miżura li għandha tiġi applikata minn Spanja huwa wkoll li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport marittimu.

Bl-ittra datata t-12 ta' April 2018, l-awtoritajiet Spanjoli infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw rata mnaqqsa ta' EUR 0.50 għal kull MWh ta' taxxa fuq l-elettriku għall-elettriku mix-xatt mill-1 ta' Lulju 2018 għal perjodu ta' sitt (6) snin. Din ir-rata ta' taxxa hija ugwali għar-rata minima ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva 2003/96/KE.

Bil-miżura mitluba, Spanja tixtieq toħloq inċentiv għall-użu tal-elettriku mix-xatt, meqjus bħala alternattiva li tniġġes inqas mill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn fuq il-bastimenti rmiġġati f'port. Attwalment, Spanja tapplika dazju tas-sisa *ad valorem* ta' 5.11269632% fuq il-prezz finali tal-elettriku, inkluż it-taxxi u t-tariffi kollha barra d-dazji tas-sisa u t-taxxa b'valur miżjud. Il-leġiżlazzjoni Spanjola tirrikjedi wkoll li l-livelli minimi stipulati fl-Artikolu 10(1) u t-Tabella Ċ tal-Anness I tad-Direttiva jiġu rrispettati, jiġifieri li dazju tas-sisa speċifiku, ta' EUR 0.50 għal kull MWh għal skopijiet kummerċjali u EUR 1 għal kull MWh għal skopijiet mhux kummerċjali tal-użu tal-elettriku huwa impost meta d-dazju tas-sisa *ad valorem* jirriżulta f'inqas responsabbiltà ta' taxxa.

Attwalment l-elettriku mix-xatt huwa ntaxxat bir-rata ġenerali ta' 5.11269632% imposta fuq il-prezz tal-elettriku. L-awtoritajiet Spanjoli ħadu stima tal-prezz tal-elettriku u eskudew id-dazji tas-sisa u t-taxxa b'valur miżjud ta' madwar EUR 170 għal kull MWh u r-rata ta' taxxa fuq l-elettriku mix-xatt, espress bl-EUR għal kull MWh, ta' madwar EUR 8.69. L-analiżi tal-Kummissjoni tas-suq tal-elettriku fl-UE tissuġġerixxi li bħala medja, il-prezzijiet tal-elettriku tas-settur industrijali fi Spanja huma inqas². B'mod jew ieħor, id-dazju tas-sisa attwali dovut għal kull MWh għall-elettriku mix-xatt bħalissa huwa aktar minn EUR 0.50.

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51

² Ara COM (2016) 769 finali tat-13 ta' Novembru 2016.

Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni tal-Enerġija, l-Istati Membri għandhom joħolqu eżenzjoni fuq il-prodotti tal-enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku fuq bastimenti rmiġġati f'port, u jistgħu jagħmlu dan ukoll fil-każ li l-elettriku prodott fuq bastimenti jiġi użat għan-navigazzjoni f'passaġġi fuq l-ilma interni skont l-Artikolu 15(1)(f) tad-Direttiva.

L-awtoritajiet Spanjoli indikaw li t-tnaqqis fit-taxxa japplika għall-bastimenti kollha barra għad-dgħajjes ta' użu privat jew ta' divertiment³, jiġifieri li l-bastimenti kollha involuti fin-navigazzjoni kummerċjali, irrispettivament mid-daqs jew mill-bandiera li jtajru, se jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa.

L-awtoritajiet Spanjoli infurmaw lill-Kummissjoni li attwalment mhemmx faċilitajiet ta' elettriku mix-xatt fil-portijiet Spanjoli u l-ispejjeż tat-taxxa diffiċli biex jiġu stmati. L-awtoritajiet Spanjoli jindikaw ukoll li mhux se jkun hemm obbligi għall-bastimenti biex jużaw l-elettriku mix-xatt. Il-kalkulazzjonijiet tagħhom jissuġġerixxu li t-tnaqqis fit-taxxa għandu jirriżulta fi spiża fuq it-taxxa annwali massima ta' madwar EUR 150,000. Dan ir-riżultat huwa bbażat fuq stima ta' numru totali ta' 2 700 bastiment kummerċjali li jistgħu jiġu pprovduti elettriku mix-xatt, ta' konsum tal-elettriku madwar ta' 20,000 MWh kull sena ta' bastimenti fil-portijiet Spanjoli u ta' prezz tal-elettriku ta' EUR 170 għal kull MWh inkluż it-taxxi u l-miżati kollha barra d-dazji tas-sisa u t-taxxa b'valur miżjud.

Spanja talbet li tingħata l-awtorizzazzjoni għal perjodu ta' sitt snin, li hu l-perjodu massimu indikat fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva, mill-1 ta' Lulju 2018.

Bit-tnaqqis fit-taxxa, Spanja trid tagħti inċentiv biex l-operaturi tal-bastimenti jużaw l-elettriku mix-xatt sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-ħsejjes fl-ajru mill-kombustjoni tal-karburanti minn bastimenti rmiġġati u emissjonijiet tad-CO₂. L-applikazzjoni ta' rata ta' taxxa mnaqqsa għandha ssaħħaħ il-kompetittività tal-elettriku mix-xatt meta mqabbla mal-konsum ta' karburant tal-bastimenti abbord, li huwa eżentat mit-taxxa.

•Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

It-taxxa fuq l-elettriku hija regolata mid-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari b'Artikolu 10. L-Artikolu 14(1)(ċ) jipprovdi eżenzjoni ta' taxxa obbligatorja fuq l-elettriku prodott fuq bastiment. L-Artikoli 5, 15 u 17 jipprovdu l-possibilità li l-Istati Membri japplikaw differenzi fit-taxxa, inkluż eżenzjonijiet u tnaqqis, għal ċerti użi tal-elettriku. Madankollu, fil-verità, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprovdux għal tnaqqis fit-taxxa għall-elettriku mix-xatt.

Il-miżura tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat u taqa' fi ħdan l-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suġġett, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE⁴.

Il-valutazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva jaqra kif ġej:

"Flinnkien ma' dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari l-Artikolu 5, 15 u 17, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq xi proposta tal-Kummissjoni,

³ It-terminu "dgħajjes ta' użu privat jew ta' divertiment" huwa definit fl-Artikolu 14(1)(ċ) it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/96/KE.

⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78).

jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet u tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi."

Permezz ta' dan it-tnaqqis fit-taxxa, l-awtoritajiet Spanjoli qed isegwu l-għan li jippromwovu mod li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent sabiex il-bastimenti jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom tal-elettriku waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet u b'hekk itejbu l-kwalità tal-arja lokali. Il-Kummissjoni fil-fatt diġà rrakkomandat l-użu tal-elettriku mix-xatt bħala alternattiva għall-iġġenerar tal-elettriku fuq bastimenti li jkunu rmiġġati u b'hekk irrikonoxxiet il-vantaġġi ambjentali tiegħu⁵. Attwalment, l-elettriku pprovdut lill-bastimenti rmeġġati huwa ntaxxat b'rata ta' madwar EUR 8.69 għal kull MWh. It-tnaqqis ta' taxxa mitlub iwassal għalhekk għal inċentiv addizzjonali għall-użu ta' din it-teknoloġija ekwivalenti għal EUR 8 għal kull MWh u għalhekk jikkontribwixxi għall-għan politiku ddikjarat.

Il-possibilità ta' introduzzjoni ta' trattament favorevoli ta' taxxa fuq l-elettriku mix-xatt tista' tkun prevista skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva minħabba li l-għanijiet tagħha huma li tippermetti lill-Istati Membri li jintroduċu eżenzjonijiet u tnaqqis ulterjuri għal kunsiderazzjonijiet speċifiċi tal-politika.

Spanja talbet li l-miżura għandha tapplika għal perjodu massimu permess mill-Artikolu 19(2), jiġifieri ta' sitt snin. Fil-prinċipju, il-perjodu ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jkun twil biżżejjed sabiex ma jaqtax qalb l-operaturi tal-portijiet milli jagħmlu l-investimenti neċessarji f'faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt. Sitt snin jipprovdut l-massimu possibbli ta' ċertezza legali anki għall-operaturi tal-bastimenti li jridu jipplanaw l-investimenti tagħhom għal tagħmir abbord.

Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

Ir-rata ta' taxxa mnaqqsa ta' EUR 0.50 għal kull MWh prevista mill-awtoritajiet Spanjoli hija ugwali għal-livell minimu ta' taxxa tal-UE għal użu kummerċjali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE. B'hekk il-miżura tidher li taqa' taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE, li jistipula l-kundizzjonijiet li bihom l-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali skont id-Direttiva 2003/96/KE tista' tiġi eżentata mir-rekwiżiti ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat. Madankollu ma jistax jiġi stabbilit f'dan l-istadju jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament humiex issodisfati u jekk il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tippreġudikax l-obbligu tal-Istat Membru li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari, f'każ ta' għajnuna eżentata, li taqa' taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni 651/2014/UE.

•Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-politika tal-ambjent u t-tibdil fil-klima

Il-miżura mitluba tikkonċerna l-aktar il-politika ambjentali tal-UE. Safejn tgħin biex jonqos il-konsum ta' karburant tal-bastimenti abbord fil-portijiet, il-miżura fil-fatt se tagħti kontribut lejn l-għan li titjeb il-kwalità tal-arja lokali. Fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent⁶ jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-livelli ta' ħafna mit-niġġis fl-arja jinżammu taħt il-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva. Dan l-obbligu jirrikjedi li l-Istati Membri jsibu soluzzjonijiet għal problemi bħall-emissjonijiet mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet fejn ikun rilevanti u huwa probabbli li fil-portijiet li għandhom dawn il-

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006).

⁶ Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

problemi, l-użu tal-elettriku mix-xatt se jkun imhegġegħ bħala element tal-istrategġija kumplessiva għall-kwalità tal-arja.

Il-miżura jaf twassal ukoll għal tnaqqis tal-emissjonijiet tad-CO₂ minħabba li t-taħlita tal-elettriku mis-sistema ta' distribuzzjoni mill-art, tuża inqas karbonju mill-elettriku ġġenerat abbord permezz tal-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti, minħabba li s-sistema hija iktar effiċjenti u jintużaw karburanti differenti. F'dan il-kuntest, jista' jiġi nnutat li skont l-awtoritajiet Spanjoli, minħabba li s-sorsi tal-enerġija pprovduti min-netwerk tal-elettriku huma parzjalment rinnovabbli (38% fl-2015 li dejjem qed jiżdied u huwa stmat li fl-2050 se jilħaq id-90-100%), qed jistennew li l-użu tal-elettriku mix-xatt se jwassal għal tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fi Spanja. Minkejja li l-intensità tal-karbonju ta' elettriku addizzjonali fornuta hija normalment oġġla minn dik tat-taħlita medja tal-elettriku u tiddependi ħafna fuq il-ħin tal-ġurnata meta ssir t-talba addizzjonali, it-tnaqqis fid-CO₂ li jirriżulta mill-miżura jibqa' relattivament sinifikanti.

Il-Politika dwar l-Enerġija

Il-miżura hija konformi mad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-installazzjoni tal-infrastruttura ta' karburanti alternattivi⁷ li tindirizza l-kwistjoni tal-installazzjoni ta' faċilitajiet tal-provvista tal-elettriku mix-xatt f'portijiet fejn hemm domanda għal dawn il-faċilitajiet u l-kostijiet ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali. Ġie rikonoxxut bħala għan ta' interess komuni biex l-għajnuna mill-Istat tingħata fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE⁸.

Ta' min ifakkar hawnhekk li l-pożizzjoni kompetittiva tal-elettriku mix-xatt mhijiex favorevoli minħabba r-raġuni importanti li l-alternattiva, jiġifieri l-elettriku prodott abbord il-bastimenti f'portijiet marittimi, attwalment igawdi minn eżenzjoni tat-taxxa netta sħiħa: mhux talli l-karburant tal-bastimenti li jinħaraq biex jiġġenera l-elettriku huwa eżentat mit-tassazzjoni, u dan jikkorrispondi għal sitwazzjoni normali skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2003/96/KE, iżda wkoll l-elettriku nnifsu prodott abbord il-bastimenti huwa eżentat (ara l-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva 2003/96/KE). Minkejja li l-eżenzjoni tal-aħħar tista' bħala tali titqies diffiċli biex tiġi rrikonċiljata mal-għanijiet ambjentali tal-Unjoni, din tirrifletti kunsiderazzjonijiet ta' fattibbiltà. Fil-fatt, it-tassazzjoni fuq l-elettriku ġġenerat abbord tkun teħtieġ dikjarazzjoni mingħand sid il-bastiment - ħafna drabi stabbilita f'pajjiż terz - jew mingħand l-operatur fir-rigward tal-ammont ta' elettriku kkunsmat. Id-dikjarazzjoni trid tiddetermina wkoll dak il-porzjon tal-elettriku kkunsmat fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru fejn tkun dovuta t-taxxa. Dan joħloq piż amministrattiv enormi għas-sidien tal-bastimenti jekk ikollhom jagħmlu tali dikjarazzjonijiet għall-ibħra territorjali ta' kull Stat Membru kkonċernat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jkun iġġustifikat li ma tkunx ippenalizzata l-alternattiva tal-elettriku mix-xatt li tniġġes inqas, billi Spanja titħalla tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni.

Politika dwar it-trasport

Il-miżura hija konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE dwar il-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet tal-Unjoni⁹ u

⁷ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, (ĠU L 307, 28.10.2014, pp. 1-20).

⁸ COM(2014) 2231 final tad-9 ta' April 2014.

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/339/KE tat-8 ta' Mejju 2006 dwar il-promozzjoni tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 125, 12.5.2006).

mal-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni¹⁰.

Is-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta

Mill-perspettiva tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta, il-miżura sempliċiment tnaqqas id-distorsjoni li teżisti fit-taxxa bejn żewġ sorsi ta' elettriku f'kompetizzjoni bejnithom għall-bastimenti rmiġġati, jiġifieri l-iġġenerar abbord u l-elettriku mix-xatt, ikkawżata mill-eżenzjoni tat-taxxa għall-karburanti tal-bastimenti.

Rigward il-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-bastimenti, wieħed irid l-ewwelnett isemmi li fil-preżent hemm għad żgħir ħafna biss ta' bastimenti li jużaw l-elettriku mix-xatt fuq bażi kummerċjali. Għaldaqstant id-distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni jistgħu biss jinħolqu bejn bastimenti li jgawdu mill-miżura mitluba billi jaqilbu għall-elettriku mix-xatt filwaqt li oħrajn jibqgħu jużaw l-iġġenerar abbord. Minkejja li l-projezzjonijiet baġitarji preċiżi tal-kostijiet jiddependu ħafna minn kif jiżviluppa l-prezz taż-żejt u għalhekk huma diffiċli ħafna, l-aħħar evidenza disponibbli tindika li kollox ma' kollox anke eżenzjoni sħiħa mit-taxxa, f'ħafna każijiet ma tnaqqasx l-kostijiet operattivi għall-elettriku mix-xatt b'mod li jiġu inqas mill-kostijiet tal-iġġenerar abbord¹¹ u għalhekk, fi kwalukwe każ, ma tirrappreżentax benefiċċju kompetittiv sinifikanti għall-operaturi tal-bastimenti li jużaw l-elettriku mix-xatt meta mqabbel ma' dawk li jużaw il-ġenerazzjoni abbord. Fil-każ preżenti, wieħed għandu jistenna inqas distorsjoni sinifikanti tat-tip li ssemma hawn fuq billi Spanja se tirispetta l-livell minimu ta' tassazzjoni preskritt bid-Direttiva 2003/96/KE għall-elettriku għall-użu kummerċjali. Barra minn hekk, aċċess għall-elettriku mix-xatt se jkun disponibbli għall-bastimenti kkonċernati, indipendentament mill-bandiera li jtajru u bla ma jwasslu għal trattament tat-taxxa ta' operaturi ekonomiċi nazzjonali aktar vantaġġat meta mqabbel ma' dak ta' kompetituri oħra fl-Istati Membri tal-UE.

Rigward il-kompetizzjoni bejn il-portijiet, huwa mistenni li kwalunkwe impatt potenzjali li jista' jirriżulta fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jekk il-bastimenti jbiddu r-rotot tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' konsum ta' elettriku mix-xatt b'rata ta' taxxa mnaqqsa, jiġi kkunsidrat negliġibbli. F'sitwazzjoni fejn, kif iddikjarat hawn fuq, l-użu tal-elettriku mix-xatt x'aktarx ma jkunx, tal-inqas f'termini ta' żmien qasir, iktar ekonomiku mill-ġenerazzjoni abbord minkejja t-tnaqqis fit-taxxa, dan it-tnaqqis fit-taxxa għall-elettriku mix-xatt x'aktarx li wkoll ma joħloqx distorsjoni sinifikanti fil-kompetizzjoni bejn il-portijiet u mhux se jġiegħel l-bastimenti jbiddu l-itinerarju tagħhom skont id-disponibbiltà ta' din l-alternattiva.

Il-qafas ta' żmien li għalih qed tiġi proposta l-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni tar-rata tat-taxxa mnaqqsa huwa simili għall-qafas ta' żmien fil-proposta tal-Kummissjoni ta' tmien snin għall-eżenzjoni mit-taxxa għall-elettriku mix-xatt. Mhux probabbli li l-analiżi li saret fiż-żewġ paragrafi preċedenti tinbidel qabel id-data ta' skadenza tal-miżura.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – L-iskopijiet strateġiċi u r-rakkomandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018, COM(2009) 8 finali tal-21 ta' Jannar 2009.

¹¹ Ara d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, "Service Contract Ship Emissions: Assignment, Abatement and Market-based Instruments, Task 2a – Shore-Side Electricity", Awwissu 2005, http://ec.europa.eu/environment/air/pdf/task2_shoreside.pdf. L-analiżi tal-kostijiet saret għat-tliet portijiet ta' Gothenburg (l-Iżvezja), Juneau u Long Beach (l-Istati Uniti tal-Amerika).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam tat-tassazzjoni indiretta kopert mill-Artikolu 113 tat-TFUE fih innifsu ma jaqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tat-TFUE.

Madankollu, b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, il-Kunsill ingħata kompetenza esklussiva, bħala kwistjoni ta' liġi sekondarja, biex jawtorizza lil Stat Membru jintroduċi iżjed eżenzjonijiet jew tnaqqis skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jieħdu post il-Kunsill. B'riżultat ta' dan, il-prinċipju ta' sussidjarjetà mhuwiex applikabbli għal din id-deċizzjoni ta' implimentazzjoni. Fi kwalunkwe każ, peress li dan l-att mhuwiex abbozz ta' att leġislativ, ma jridx jiġi trasmess lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattati għal revizzjoni ta' konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. It-tnaqqis tat-taxxa ma jeċċedix dak li hu meħtieġ biex jinkiseb l-għan inkwistjoni.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE għandu dispożizzjoni għal din it-tip ta' miżura biss.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-miżura ma teħtieġx l-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba ta' Spanja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu ta' kompetenzi**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess u ma teħtieġx valutazzjoni tal-impatt.

L-informazzjoni pprovduta minn Spanja tissuġġerixxi li l-miżura se jkollha impatt limitat fuq id-dħul mit-taxxa, u r-rata tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku mix-xatt se tibqa' oġġla mil-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilita fid-Direttiva 2003/96/KE. Spanja qed tistenna li l-miżura se jkollha impatt pożittiv fl-ilħuq tal-għanijiet ambjentali u b'mod partikolari għat-titjib tal-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma tippredix simplifikazzjoni. Dan hu riżultat ta' talba li għamlet Spanja u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-miżura ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura ma twassal għall-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk, il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-ebda pjan ta' implimentazzjoni ma huwa neċessarju. Din il-proposta tikkonċerna awtorizzazzjoni għal tnaqqis fit-taxxa mogħtija lil Stat Membru individwali fuq talba tiegħu stess. Din hija pprovduta għal perjodu limitat ta' sitt snin. Ir-rata tat-taxxa li se tapplika se tkun ugwali għal-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit mid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Il-miżura tista' tiġi evalwata f'każ li jintalab tiġdid wara li l-perjodu ta' sitt snin ikun skada.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li Spanja se titħalla tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati f'portijiet Spanjoli. Ir-rata ta' taxxa ma għandix tkun inqas minn EUR 0.50 għal kull MWh, jiġifieri l-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku għal skopijiet kummerċjali kif stipulat fid-Direttiva. Mhux se jkun possibbli li jiġi pprovdut elettriku b'rata mnaqqsa għad-dgħajjes għal użu rikreattiv privat, kif stipulat fl-Artikolu 14(1)(ċ) it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2003/96/KE.

L-Artikolu 2 jistipula li l-awtorizzazzjoni mitluba hija mogħtija b'effett mid-data tan-notifika tagħha għal perjodu massimu ta' sitt snin, kif permess mid-Direttiva, kif talbu Spanja.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lil Spanja tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Billi:

- (1) Permezz tal-ittra tat-12 ta' April 2018, Spanja talbet l-awtorizzazzjoni biex tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati f'port ("elettriku mix-xatt") skont l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE.
- (2) Bit-tnaqqis fid-dazju tas-sisa li beħsiebha tapplika, Spanja għandha l-għan li tippromwovi l-użu tal-elettriku mix-xatt. L-użu ta' dan l-elettriku huwa meqjus bħala mezz li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-elettriku tal-bastimenti li jkunu rmiġġati fil-portijiet, meta mqabbel mal-ħruq ta' karburanti tal-bastimenti minn dawk il-bastimenti.
- (3) Safejn l-użu tal-elettriku mix-xatt jevita l-emissjonijiet ta' tniġġis tal-arja li joriġinaw mill-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti abbord il-bastimenti fl-irmiġġ, dan jikkontribwixxi għal titjeb tal-kwalità tal-arja lokali fl-ibliet portwali. Skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-istruttura tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fi Spanja, l-użu tal-elettriku mill-grilja tad-distribuzzjoni mill-art minflok l-elettriku ġġenerat permezz tal-ħruq tal-karburanti tal-bastimenti abbord huwa mistenni li jnaqqas aktar l-emissjonijiet tad-CO₂. Il-miżura għalhekk hija mistennija li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni tal-politiki ambjentali, tas-saħħa u tal-klima.
- (4) L-għoti ta' permess lil Spanja biex tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku mill-art ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jiżdied l-użu tal-elettriku mill-art, peress li fil-maġġoranza tal-każijiet, il-ġenerazzjoni abbord tal-elettriku se jibqa' l-iżjed alternattiva kompetittiva. Għall-istess raġuni, u minħabba li t-teknoloġija għadha mhix disponibbli fi Spanja, il-miżura x'aktarx li ma twassalx għal distorsjonijiet sinifikanti fil-kompetizzjoni matul l-eżistenza tagħha u għalhekk mhux se jkollha effett negattiv fuq il-funzjonament korrett tas-suq intern.
- (5) B'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dak l-Artikolu teħtieġ li jkollha żmien strettament limitat. Sabiex jiġi żgurat li l-perjodu ta' awtorizzazzjoni huwa twil biżżejjed biex ma jaqtax qalb l-operaturi tal-portijiet milli jagħmlu investimenti neċessarji, huwa xieraq li l-

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu ta' sitt snin, soġġett madankollu għal dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kwistjoni li jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u li jistgħu jsiru applikabbli qabel l-iskadenza prevista tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni.

- (6) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Spanja hija bil-preżenti awtorizzata tapplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq l-elettriku għall-elettriku pprovdut direttament lil bastimenti rmiġġati fil-portijiet, għajr dgħajjes għal użu rikreattiv privat, diment li l-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmijin fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE jiġu rispettati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha. Hija għandha tiskadi sitt snin wara tali data.

Madankollu, jekk il-Kunsill, huwa u jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 TFUE, jistipula regoli ġenerali dwar vantaġġi fiskali għall-elettriku mill-art, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi dakinhar li fih dawk ir-regoli ġenerali jsiru applikabbli.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*